IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2025
COM(2025) 257 final

2025/0128 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202[1] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tas-sajd tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE. Il-proposta temenda dawk l-opportunitajiet tas-sajd biex tqis l-aktar parir xjentifiku riċenti u żviluppi oħra.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-objettivi u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) (ir-"Regolament Bażiku"), li fost l-oħrajn, iridu jiġu applikati meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, jiġifieri l-limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd, bl-għan li jiġi żgurat li s-sajd tal-UE jkun ekoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] (id-"Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina"), u għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb, b'mod partikolari fir-rigward tad-deskrittur 3 dwar status ambjentali tajjeb, li jirrikjedi li l-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra kollha sfruttati kummerċjalment ikunu f'limiti bijoloġiċi sikuri.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta talloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri f'konformità mal-objettivi u r-regoli stabbiliti fir-Regolament Bażiku kif ukoll l-eżitu ta' konsultazzjonijiet multilaterali jew

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

[3] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj).

bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs, regional fisheries management organisations). Għaldaqstant, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li jitqies l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Minbarra l-kunsiderazzjonijiet bijoloġiċi, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom iqisu l-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, b'mod partikolari d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat sar-rendiment massimu sostenibbli (MSY, maximum sustainable yield) fl-istess ħin.

Skont l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri jridu jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom jistgħu jiġu allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni meħtieġ meta jqassmu l-kwoti allokati, f'konformità mal-mudell soċjali/ekonomiku preferut tagħhom għall-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta temenda regolament eżistenti, l-istrument legali l-aktar xieraq huwa regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz tal-kunsilli konsultattivi, abbażi tal-komunikazzjoni annwali tagħha bit-titolu "*Is-sajd sostenibbli fl-UE:is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2025*" (COM(2024) 235 final).

It-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati għal dik il-komunikazzjoni annwali wrew il-fehmiet tagħhom dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qagħda tar-riżorsi u dwar ir-rispons xieraq għall-ġestjoni. Il-Kummissjoni qieset dawk it-tweġibiet meta fasslet il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea) huwa bbażat fuq qafas żviluppat mill-gruppi ta' esperti u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu u maħruġ f'konformità mal-ftehim qafas ta' sħubija tiegħu mal-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta.

Il-proposta hija maħsuba biex tevita approċċi fuq terminu qasir favur s-sostenibbiltà fit-tul. Hi tqis l-inizjattivi tal-partijiet ikkonċernati u tal-kunsilli konsultattivi jekk dawn ikunu ġew rieżaminati b'mod pożittiv mill-ICES. Il-proposta ta' riforma tal-PKS tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt (SEC(2011) 891) li qieset li filwaqt li l-kisba tal-objettiv tal-MSY kienet kundizzjoni meħtieġa għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali, dawk it-tliet objettivi ma jistgħux jinkisbu waħedhom.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-RFMOs u għall-istokkijiet li huma ġestiti b'mod konġunt ma' pajjiżi mhux tal-UE, essenzjalment il-proposta timplimenta miżuri miftiehma fil-livell internazzjonali. Kwalunkwe aspett li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd jiġi ttrattat fit-tħejjija u t-twettiq ta' negozjati internazzjonali li fihom l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE jiġu miftiehma ma' pajjiżi mhux tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari dawk rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta hija maħsuba biex temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 kif deskritt hawn taħt.

Inċova fil-Punent tal-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku

Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero l-qabdiet totali permissibbli (TAC, total allowable catch) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea) u fis-subżona 10 (il-parti tal-Punent tal-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku u l-ilmijiet tal-Azores) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fil-parti tal-Punent tad-diviżjoni 9a tal-ICES (il-parti tal-Punent tal-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku) għal dak il-perjodu.

L-ICES huwa mistenni jippubblika l-parir tiegħu fl-20 ta' Ġunju 2025. Sakemm jiġi ppubblikat dak il-parir, il-premessa rilevanti hija inkluża fil-parentesi kwadri, u t-TAC għall-inċova fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 u fis-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 hija mmarkata "pm" (*pro memoria*). Hekk kif il-parir tal-ICES isir disponibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi TAC definittiva għal dak il-perjodu abbażi ta' dak il-parir. Madankollu, jekk isir ċar qabel il-pubblikazzjoni tal-parir u sa nofs Ġunju 2025 li dan ma jippermettix li s-sajd ikompli fl-1 ta' Lulju 2025, is-servizzi tal-Kummissjoni minflok jipproponu TAC proviżorja għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2025.

Il-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak-Kattegat u fil-Baħar tat-Tramuntana

Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES (Skagerrak-Kattegat) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-gamblu tat-Tramuntana fil-Lvant tad-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES (Skagerrak-Kattegat u t-Tramuntana tal-Baħar tat-

Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Barra minn hekk, dak ir-Regolament stabbilixxa l-kwota tal-UE għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 62ºN għall-2025 fil-livell miftiehem man-Norveġja, jiġifieri fil-livell ta' 173 tunnellata.

L-ICES huwa mistenni jippubblika l-parir tiegħu għall-gamblu tat-Tramuntana fil-Lvant tad-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fis-6 ta' Ġunju 2025. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir, l-UE se jkollha konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għall-gamblu tat-Tramuntana fil-Lvant tad-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026; (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perjodu; u (iii) trasferiment addizzjonali min-Norveġja lejn l-UE ta' opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 62ºN għall-2025, li, matul konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-iskambju ta' kwoti u arranġamenti ta' aċċess għall-2025, l-UE u n-Norveġja qablu li jikkunsidraw. Sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1856[4] huwa inkluż fil-parentesi kwadri, u t-TACs għall-gamblu tat-Tramuntana: (i) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026; u (ii) fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 62ºN għall-2025, huma mmarkati "pm". Hekk kif ikun magħruf l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi dawk it-TACs għal dawk il-perjodi u fil-livelli miftiehma man-Norveġja.

Laċċa kaħla fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak-Kattegat

Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TACs għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026: i) fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u d-diviżjoni 2a tal-ICES (il-Baħar tat-Tramuntana); u (ii) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES (Skagerrak-Kattegat), sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għal-laċċa kaħla fis-subżona 4 u fid-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-ICES huwa mistenni jippubblika l-parir tiegħu fit-30 ta' April 2025. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir, l-UE se torganizza konsultazzjonijiet trilaterali mar-Renju Unit u n-Norveġja dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026; u (ii) il-livell tat-TACs għal-laċċa kaħla rispettivament fis-subżona 4 u fid-diviżjoni 2a u d-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perjodu. Sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet trilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/1856 huwa inkluż fil-parentesi kwadri, u t-TACs għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026: (i) fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u d-diviżjoni 2a tal-ICES; u (ii) fl-ilmijiet tal-UE u dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES, huma mmarkati "pm". Hekk kif ikun magħruf l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet trilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1856 tat-28 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd (ĠU L, 2024/1856, 1.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1856/oj).

jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi dawk it-TACs għal dak il-perjodu fil-livelli maqbula mar-Renju Unit u n-Norveġja.

Laċċa kaħla fil-Kanal Ingliż

Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TAC għal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES (il-Kanal) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għal-laċċa kaħla f'dik iż-żona għal dak il-perjodu.

L-ICES huwa mistenni jippubblika l-parir tiegħu fit-30 ta' April 2025. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir, l-UE se jkollha konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit dwar il-livell tat-TAC għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, skont l-Artikoli 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[5] ("Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Sakemm joħroġ l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, it-test tal-premessa rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/1856 huwa inkluż fil-parentesi kwadri, u t-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 hija mmarkata "pm". Hekk kif ikun magħruf l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet bilaterali, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi dik it-TAC għal dak il-perjodu fil-livell maqbul mar-Renju Unit.

Paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Azores

Il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES (l-ilmijiet tal-Azores) hija stokk elenkat fl-Anness 36, it-tabella F, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Dak l-Anness jelenka stokkijiet li huma preżenti biss fl-ilmijiet ta' Parti waħda u li għalihom iż-żewġ Partijiet għandhom ishma. Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju t-TAC għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2025 fil-livell ta' 280 tunnellata, abbażi tal-livell reċenti ta' qabdiet għal dak l-istokk u li ma jaqbiżx l-aħħar parir xjentifiku disponibbli għal dak l-istokk għall-2024 u l-2025[6], ippubblikat mill-ICES fid-9 ta' Ġunju 2023. Ġiet stabbilita TAC proviżorja għal dak l-istokk minħabba li l-parir tal-ICES tad-9 ta' Ġunju 2023 huwa bbażat fuq metodoloġija li ġiet riveduta mill-ICES bħala parti minn "valutazzjoni komparattiva" għal dak l-istokk[7], li sar bejn l-11 u t-13 ta' Diċembru 2023 u l-15 sad-19 ta' Jannar 2024. Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-ICES jippubblika parir rivedut għal dak l-istokk għall-2025.

Sakemm jiġi ppubblikat dak il-parir rivedut tal-ICES, il-premessa rilevanti hija inkluża fil-parentesi kwadri u t-TAC definittiva għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali fis-subżona 10 tal-ICES għall-2025 hija mmarkata "pm". Hekk kif dak il-parir rivedut tal-ICES isir disponibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi dik it-TAC definittiva bbażata fuq dak il-parir rivedut.

---

5 Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj).

6 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21828435.v1

7 https://doi.org/10.17895/ices.pub.24998858.v1

Bakkaljaw tat-Tramuntana tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO, Northwest Atlantic Fisheries Organisation)

Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa t-TAC u l-kwota tal-UE għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fid-diviżjonijiet 2J, 3K u 3L tan-NAFO (il-bakkaljaw fid-diviżjonijiet "2J3KL", "il-bakkaljaw tat-Tramuntana tan-NAFO") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 f'konformità mad-deċiżjoni meħuda min-NAFO fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024.

F'Ġunju 2025, il-Kanada hija mistennija tippubblika l-parir xjentifiku tagħha għall-bakkaljaw fid-diviżjonijiet 2J3KL għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir, il-Kanada mistennija tistabbilixxi għall-bastimenti tas-sajd tagħha limitu ta' qbid għall-bakkaljaw fid-diviżjonijiet 2J3KL tan-NAFO għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. F'konformità mar-regoli tagħha, in-NAFO mbagħad trid tistabbilixxi t-TAC għal dak l-istokk u għal dak il-perjodu, u allokazzjoni lil Partijiet Kontraenti oħra għan-NAFO, inkluża kwota tal-UE, li għandha tiġi mistada fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO. Dik it-TAC u dik l-allokazzjoni jridu jiġu stabbiliti f'livell li jirriżulta fil-limitu ta' qbid stabbilit mill-Kanada li jikkorrispondi għal 95 % tat-TAC u l-allokazzjoni lil Partijiet Kontraenti oħra għan-NAFO li tikkorrispondi għal 5 % tat-TAC.

Sakemm in-NAFO tiddeċiedi li tistabbilixxi TAC bħal din, allokazzjoni lil Partijiet Kontraenti oħra għan-NAFO u miżuri possibbli ta' rkupru għal dak l-istokk, il-premessa rilevanti hija inkluża fil-parentesi kwadri u t-TAC għall-bakkaljaw fid-diviżjoni 2J3KL tan-NAFO għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 hija mmarkata "pm". Hekk kif tkun magħrufa d-deċiżjoni tan-NAFO, is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-proposta permezz ta' dokument informali li jipproponi t-TAC u l-miżuri possibbli ta' rkupru għal dak il-perjodu f'konformità ma' dik id-deċiżjoni tan-NAFO.

Tonna tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas)

Fl-1 ta' April 2025, u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-ICCAT rigward it-trasferimenti, l-Iżlanda qablet li tittrasferixxi lill-UE 200 tunnellata tal-kwota tagħha għat-tonna (*Thunnus thynnus*) f'parti miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran, għall-2025. Dak it-trasferiment għandu jiġi implimentat fid-dritt tal-UE u l-kwota tal-UE għal dak l-istokk għandha tiġi emendata kif xieraq.

Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana (NPFC, North Pacific Fisheries Commission)

Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-NPFC stabbiliet limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, rispettivament, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-UE għal dak il-perjodu. Stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrhom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC ikollhom jitnaqqsu biex

jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Huwa propost li dawk l-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jiġu implimentati fid-dritt tal-UE.

Sallura fl-Atlantiku tal-Grigal

Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2025/202, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw perjodu ta' waqfien mis-sajd wieħed jew aktar ta' mill-inqas 6 xhur għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali tas-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES (l-Atlantiku tal-Grigal), skont ċerti kundizzjonijiet. Minħabba li l-objettiv tal-perjodi ta' għeluq huwa l-protezzjoni tas-sallura fil-migrazzjoni tagħha lejn il-kontinent Ewropew u minnu, l-istaġuni magħluqa għandhom ikopru l-perjodu jew il-perjodi ewlenin ta' migrazzjoni fl-istadju tal-ħajja rispettiv tas-sallura. Fil-każ speċifiku tas-sallura sesswalment matura ("sallura fiddiena"), l-objettiv huwa li jiġu protetti fil-"migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara" tagħhom mill-ilmijiet interni, salmastri u tal-baħar tal-UE lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħhom fil-Baħar Sargasso. Is-sallura fiddiena mhijiex biss mhedda minn ostakli għall-migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara iżda wkoll minn sajd immirat. F'sitwazzjonijiet fejn, matul il-migrazzjoni tagħhom mill-ilmijiet tal-UE, is-sallura fiddiena trid tgħaddi minn korp ta' ilmijiet salmastri mhux tal-UE biex tilħaq il-baħar miftuħ, l-objettiv tal-istaġun jew l-istaġuni magħluqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2025/202 jiġi pperikolat jekk is-sallura fiddiena migratorja tinqabad f'dawn l-ilmijiet salmastri mhux tal-UE u tinħatt l-art.

Għalhekk huwa meħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jitħallew jippermettu l-qbid tas-sallura adulta fl-ilmijiet tal-UE 'l fuq mill-ilmijiet salmastri mhux tal-UE matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. Madankollu, sabiex jiġi evitat ir-riskju li s-sallura fiddiena maqbuda tinħatt l-art, id-deroga jenħtieġ li tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, inkluż li s-sallura fiddiena jenħtieġ li tinqabad għall-iskop esklużiv li tiġi ttrasportata u rilaxxata minnufih, mingħajr ma ssirilha ħsara, f'post dežinjat fl-ilmijiet tal-baħar tal-UE fid-direzzjoni tax-xmara li jinsabu fil-qrib (l-hekk imsejħa "qbid u trasport"). Is-sallura adulta tinkludi wkoll is-"sallura safra" mhux sesswalment matura li tista' tkun simili tad-daqs tas-sallura fiddiena. Jenħtieġ li s-sallura s-safra li tinqabad b'mod inċidentali tiġi rilaxxata minnufih lura fl-ilma mingħajr ma ssirilha ħsara.

2025/0128 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202[1] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti miżuri funzjonalment marbuta magħhom, jenħtieġ li jiġu emendati biex tiġi kkunsidrata l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs, regional fisheries management organisations).

(2) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni tal-parir tal-ICES, jew qabel il-pubblikazzjoni tal-parir u sa nofs Ġunju 2025 jekk isir evidenti li dan ma jippermettix li s-sajd ikompli fl-1 ta' Lulju 2025.] [JEW] [Fl-20 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea) ippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fil-parti tal-punent tad-diviżjoni 9a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. Wara l-pubblikazzjoni tal-parir, jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (TAC, total allowable catch) għall-inċova fil-parti tal-punent tas-subżona 9 u s-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 tiġi stabbilita fil-livell rakkomandat mill-ICES, jiġifieri fil-livell ta' [X] tunnellati.] [JEW] Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b'mod proviżorju għal żero t-TAC għall-inċova (Engraulis encrasicolus) fil-parti tal-Punent tas-subżona 9 u fis-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-inċova fil-parti tal-Punent tad-diviżjoni 9a tal-ICES għal dak il-perjodu. Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli sakemm it-TAC definittiva għal dak l-istokk għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

ta’ Ġunju 2026 tiġi stabbilita fil-livell rakkomandat mill-ICES, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC proviżorja għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2025 sat-30 ta’ Settembru 2025, f’livell li jikkorrispondi għal [X].]

(3) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja.] [Fit-18 u fid-19 ta’ Ġunju 2024, l-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għall-gamblu tat-Tramuntana (Pandalus borealis) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2024 sat-30 ta’ Ġunju 2025; u (ii) il-livell tat-TAC għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES. L-Unjoni u n-Norveġja qablu wkoll dwar trasferiment addizzjonali min-Norveġja lejn l-Unjoni tal-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta’ 62ºN. L-eżitu ta’ dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f’Rekord Maqbul iffirmat fid-19 ta’ Ġunju 2024. It-TACs għall-gamblu tat-Tramuntana: (i) fid-diviżjoni 3a tal-ICES; u (ii) fl-ilmijiet Norveġiżi tal-Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta’ 62ºN, għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livelli miftiehma man-Norveġja.]

(4) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja.] [Bejn it-23 ta’ Mejju u l-4 ta’ Ġunju 2024, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwar: (i) il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd kumplessivi għal-laċċa kaħla (Sprattus sprattus) fis-subżona 4 u d-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2024 sat-30 ta’ Ġunju 2025; u (ii) il-livelli tat-TACs għal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u tad-diviżjoni 2a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni u f’dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perjodu. L-Unjoni pparteċipat f’dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fit-3 ta’ Mejju 2024. L-eżitu ta’ dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f’Rekord Maqbul iffirmat fil-11 ta’ Ġunju 2024. It-TACs għal-laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji assoċjati għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2024 sat-30 ta’ Ġunju 2025: (i) fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u tad-diviżjoni 2a tal-ICES; u (ii) fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES, għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livelli maqbula mar-Renju Unit u n-Norveġja.]

(5) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.] [Bejn l-14 u l-24 ta’ Mejju 2024, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni rigward il-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2024 sat-30 ta’ Ġunju 2025. L-Unjoni pparteċipat f’dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fil-25 ta’ April 2024. L-eżitu ta’ dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f’Rekord bil-Miktub iffirmat fit-30 ta’ Mejju 2024. Għalhekk, jenħtieġ li t-TAC għal-laċċa kaħla fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għal dak il-perjodu tiġi stabbilita fil-livell maqbul mar-Renju Unit.]

(6) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni tal-parir rivedut tal-ICES.] [Ir-Regolament (UE) 2025/202 stabbilixxa b’mod proviżorju t-TAC għall-paġella ħamra (Pagellus bogaraveo) fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Ġunju 2025 fil-livell ta’ 280 tunnellata, sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku rivedut għal dak l-istokk għall-2025. Wara l-pubblikazzjoni ta’ dak il-parir rivedut tal-ICES, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC definittiva għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-UE u

fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES għall-2025 fil-livell il-ġdid rakkomandat mill-ICES.]

(7) [Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara d-deċiżjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO, Northwest Atlantic Fisheries Organisation) dwar il-bakkaljaw tat-Tramuntana.] [Fi [X], il-Kanada adottat limitu ta' qbid għall-bastimenti tagħha li jistadu għall-bakkaljaw (Gadus morhua) fid-diviżjonijiet 2J, 3K u 3L tan-NAFO ta' [X] tunnellati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026. In-NAFO sussegwentement adottat TAC għal dak l-istokk u għal dak il-perjodu, u allokazzjoni lil Partijiet Kontraenti oħra għan-NAFO li tikkorrispondi għal 5 % tat-TAC, inkluża kwota tal-Unjoni, li għandha tiġi mistada fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO. Barra minn hekk, għal dak il-perjodu n-NAFO stabbiliet miżuri ta' rkupru għal dak l-istokk. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.]

(8) Fl-1 ta' April 2025, u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) fir-rigward tat-trasferimenti, l-Iżlanda qablet li tittrasferixxi lill-Unjoni 200 tunnellata tal-kwota tagħha għat-tonn (*Thunnus thynnus*) f'parti miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u fil-Mediterran, għall-2025. Jenħtieġ li dak it-trasferiment jiġi implimentat fid-dritt tal-Unjoni u li l-kwota tal-Unjoni għal dak l-istokk tiġi emendata kif xieraq.

(9) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-NPFC stabbiliet limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) disponibbli għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, rispettivament, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026. Barra minn hekk, għal dak il-perjodu l-NPFC stabbiliet ammont addizzjonali ta' dak l-istokk għall-Unjoni. Stabbiliet ukoll limiti tal-isforz assoċjati. Barra minn hekk, l-NPFC stabbiliet miżuri funzjonalment marbuta ma' dawk il-limiti ta' qbid u ma' dak l-ammont addizzjonali, li mingħajrhom: (i) dawk il-limiti ta' qbid għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC ma setgħux jiġu stabbiliti; u (ii) l-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri funzjonalment marbuta jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(10) Sabiex tirriproduċi, is-sallura (*Anguilla anguilla*) li hija sesswalment matura ("sallura fiddiena") trid temigra mill-ilmijiet interni, salmastri jew tal-baħar tal-Unjoni lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħha fil-Baħar Sargasso ("migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara"). L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2025/202 jipproteġi din is-sallura billi jobbliga lill-Istati Membri kkonċernati jiddeterminaw staġun magħluq wieħed jew aktar ta' mill-inqas 6 xhur għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali tas-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES (Atlantiku tal-Grigal), soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Sabiex jinżamm l-objettiv ta' konservazzjoni tal-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2025/202, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jassistu lis-sallura fiddiena li tkun qed temigra fid-direzzjoni tax-xmara tagħhom qabel ma tgħaddi minn ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni, fejn tista' tinqabad u tinħatt l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jitħallew jaqbdu s-sallura adulta b'tul totali ta' 12 cm jew aktar fl-ilmijiet tal-Unjoni 'l fuq mill-ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni, dment li dan isir għall-iskop esklużiv li s-sallura fiddiena tiġi ttrasportata u rilaxxata minnufih, mingħajr ma ssirilha ħsara,

f'post dežinjat fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni fid-direzzjoni tax-xmara li jinsabu fil-qrib. Jenħtieġ li s-sallura li tinqabad inċidentalment li ma tkunx sesswalment matura tiġi rilaxxata minnufih lura fl-ilma mingħajr ma ssirilha ħsara.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2025/202 jiġi emendat kif xieraq.

(12) Minħabba li d-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw fuq bażi kontinwa, u sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali fil-perjodu bejn it-tmiem tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw minn tmiem id-dispożizzjonijiet applikabbli qabel. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati jiżdiedu u fir-rigward tas-sallura tiġi stabbilita deroga addizzjonali għall-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a).

(13) Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2025/202

Ir-Regolament (UE) 2025/202 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu 4(a) li ġej:

"

4a. B'deroga ulterjuri mill-paragrafu 3, il-punt (d), l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti s-sajd għas-sallura ta' b'tul kumplessiv ta' 12 cm jew aktar waqt il-migrazzjoni tagħha mill-ilmijiet tal-Unjoni lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħha fil-Baħar Sargasso ("migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara") għal total ta' 50 jum konsekuttivi jew mhux konsekuttivi. Dan għandu japplika għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti, matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni, bil-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-attività tas-sajd għandha tkun permessa biss meta l-uniku aċċess għall-ilmijiet tal-baħar neċessarjament jgħaddi minn ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni;

(b) il-qabdiet li jsiru fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 22–32 għandhom jissodisfaw id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 35 cm, f'konformità mal-Anness VIII, il-Parti A, tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2];

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE)

(c) kwalunkwe sallura li tkun sesswalment matura u li tinqabad ma għandhiex issirilha ħsara, għandha tiġi ttrasportata mingħajr dewmien żejjed u tiġi rilaxxata minnufih fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni fil-qrib f'post dežinjat mill-Istat Membru kkonċernat, li jippermettilha tkompli l-migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara;

(d) kwalunkwe sallura li tinqabad b'mod inċidentali, li ma tkunx sesswalment matura, ma għandhiex issirilha ħsara u għandha tiġi rilaxxata minnufih lura fl-ilma; kif ukoll

(e) l-attività tas-sajd għandha ssir bl-involviment ta' korp xjentifiku nazzjonali.

"

(2) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"

8. L-Istati Membri kkonċernati, b'mod individwali jew konġunt, għandhom jinformaw lill-Kummissjoni:

(a) sal-1 ta' Mejju 2025, l-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6, flimkien mal-informazzjoni ta' sostenn li tiġġustifika l-perjodu jew il-perjodi magħżul(a);

(b) fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom, b' miżuri nazzjonali relatati mal-istaġun jew l-istaġuni magħluq(a) li ġie/ġew (i)ddeterminat(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6;

(c) fi żmien 8 ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu jew il-perjodi magħluq(a) stabbilit(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 6, tal-attivitajiet tas-sajd li jsiru f'konformità mal-paragrafu 4a, inkluż: (i) il-post jew il-postijiet u d-data jew id-dati tal-attivitajiet tas-sajd; (ii) in-numru mistenni u t-tip ta' parteċipanti u l-korp xjentifiku nazzjonali involut; u (iii) il-post jew il-postijiet magħżul(a) għar-rilaxx.

(d) f'massimu ta' 8 ġimgħat mit-tmiem tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa f'konformità mal-paragrafu 4a: (i) l-għadd u t-tip ta' parteċipanti; (ii) l-għadd ta' salluri sesswalment maturi, kif ukoll l-għadd ta' salluri mhux sesswalment maturi, li nqabdu matul dawk l-attivitajiet tas-sajd; u (iii) l-għadd ta' salluri sesswalment maturi li ġew tikkettati.

"

(3) L-Anness IA, il-Partijiet A, B u F u l-Annessi IC, ID u IM huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
